

Annex

Risposti ta' Malta

Kwestjonarju dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni¹ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2005 dwar il-"Patrimonju ċinematografiku u l-kompetittività ta' attivitajiet industrijali relatati" (minn issa 'l quddiem 'Ir-Rakkomandazzjoni')

Noti:

1. Dan il-kwestjonarju jirreferi għall-istituzzjonijiet pubbliċi kollha tal-patrimonju ċinematografiku fl-Istati Membri, inklużi dawk li huma tat-tip lokali u reġjonali.

2. Wara kull mistoqsija, hemm indikat fil-parenteżi l-korrispondenza tagħha mat-tagħrif diġà rrapportat fl-ewwel rapport ta' implimentazzjoni. L-għan huwa li jiġi ffaċilitat ir-rapportaġġ tiegħek, fil-każ li nbidlet is-sitwazzjoni.

Mistoqsijiet:

1. IL-MIŻURI LEĠIŻLATTIVI U AMMINISTRATTIVI LI JIPPROMOVU L-GĦANIJIET TAR-RAKKOMANDAZZJONI TAL-PATRIMONJU ĊINEMATOGRAFIKU (TABELLA 8)

Liema miżuri leġiżlattivi, amministrattivi jew miżuri xierqa oħra adottajtu sabiex tiżguraw li xogħlijiet ċinematografiċi li jagħmlu parti mill-patrimonju awdjoviżiv tagħkom jiġu miġbura, katalogati, preservati u restawrati sistematikament u li jkunu aċċessibbli għall-użu edukattiv, kulturali, ta' riċerka jew użu ieħor li hu ta' natura simili iżda mhux kummerċjali, fil-każijiet kollha b'mod konformi mad-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet relatati?

F'Malta xogħlijiet li jagħmlu parti mill-patrimonju awdjoviżiv huma inklużi fl-Att tal-Patrimonju Kulturali (Kap. 445) u l-Att ta' l-Arkivji Nazzjonali (Kap. 477) kif indikat f'tabella 8. L-Att dwar il-Kummissjoni Ċinematografika ta' Malta jenfassizza wkoll l-importanza li jiġu żviluppati opportunitajiet għall-aċċess ta' l-istorja ċinematografika.

2. IT-TIFSIRA TAX-XOGĦLIJET ĊINEMATOGRAFIĊI LI JAGĦMLU PARTI MILL-PATRIMONJU ĊINEMATOGRAFIKU NAZZJONALI (TABELLA 8)

Kif tiddefinixxu l-prinċipju li x-xogħlijiet ċinematografiċi jagħmlu parti mill-patrimonju awdjoviżiv tagħkom?

Kif indikat f'tabella 8, xogħol awdjoviżiv huwa inkluż fid-definizzjoni ta' patrimonju kulturali fl-Att dwar il-Patrimonju Kulturali. Kategoriji msemmija fit-tifsira "propjeta kulturali" u "patrimonju kulturali" jinkludu wkoll filmat u xogħol awdjoviżiv.

3. L-ISTITUZZJONIJIET TAL-PATRIMONJU ĊINEMATOGRAFIKU (TABELLA 1)

Liema huma l-korpi xierqa li nnominajtu sabiex iwettqu d-doveri ta' interess pubbliku deskritti fil-punt 2 b'indipendenza u professjonalità, u jiżguraw li jiġu provduti bl-aqwa riżorsi finanzjarji u

¹ ĠU L 323, 9.12.2005.

tekniċi disponibbli? X'inhu l-baġit għall-2009? X'inhu l-għadd tal-ħaddiema għall-2009 (persunal relatat direttament mal-patrimonju ċinematografiku)?

Jekk jogħġbok elenka l-Istituzzjonijiet tal-Patrimonju Ċinematografiku kollha, inklużi wkoll dawk tat-tip reġionali jew lokali, kif ukoll is-siti elettroniċi tagħhom.

Is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali, mwaqqfa bl-artikolu 7 ta' l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, hija l-awtorità kompetenti maħtura biex twettaq d-dmirijiet li joħorġu minn dawn ir-Regolamenti. Għall-2009, il-baġit hu ta' €353,000.

L-Arkivji Nazzjonali għandhom ir-responsabbiltà li jarkivjaw xogħlijiet pubbliċi inkluż xogħol awdjoviżiv. Il-baġit għall-2009 hu ta' €300,000.

Il-Heritage Malta, id-Dipartiment tal-Infommazzjoni, l-Awtorità tax-Xandir kif ukoll il-Public Broadcasting Services (PBS) għandhom id-depożiti tagħhom li jinkludi fost oħrajn materjal awdjoviżiv.

4. ĠBIR

4.1. Id-depożitu tax-xogħlijiet ċinematografiċi li jagħmlu parti mill-patrimonju awdjoviżiv nazzjonali (Tabella 2)

- 1) X'passi ttieħdu għall-ġbir sistematiku tax-xogħlijiet ċinematografiċi li jiffurmaw parti mill-patrimonju ċinematografiku tagħkom?

Skond l-Att dwar l-Arkivji Nazzjonali xogħol awdjoviżiv (Cap. 477) għandu jiġi depożitat għall-aċċess pubbliku.

Fir-rigward ta' xogħol awdjoviżiv fuq ix-xandir pubbliku, kull kuntratt mal-kumpaniji awdjoviżivi jinkludi regola li kopja tax-xogħol għandu jingħata lill-Public Broadcasting Services (PBS) u l-PBS iżomm kopji diġitali fl-arkivji

- 2) Tiddeskrivi dan it-tip ta' depożitu fl-Istat Membru tagħkom bħala

- i. Depożitu legali
- ii. Depożitu Obbligatorju tal-filmati kollha li ngħataw il-fondi
- iii. Depożitu Volontarju
- iv. Ieħor (jekk jogħġbok speċifika) ?

Fil-każ ta' l-Arkivji nazzjonali dan huwa depożitu legali. Fil-każ tal-PBS dan huwa depożitu obbligatorju għax-xogħlijiet li jidhru fuq il-PBS.

- 3) X'materjal irid jiġi ddepożitat?

Materjal awdjoviżiv.

- 4) X'inhi l-aħħar ġurnata tad-depożitu? Tiżguraw li d-depożitu jseħħ meta l-filmati isir disponibbli għall-pubbliku, u fi kwalunkwe każ mhux iżjed tard minn sentejn wara?

N/A

- 5) Hemm kontroll tal-konformità mal-obligu tad-depożitu u għall-kwalità tal-prodott? Liema miżuri ttieħdu sabiex tiġi żgurata kwalità teknika tajba tax-xogħlijiet ċinematografiċi depożitati (flimkien mal-metadejta li takkumpanjahom kif jixraq)?

N/A

4.2. Il-ġbir tax-xogħlijiet ċinematografiċi li ma jiffurmawx parti mill-patrimonju awdjoviżiv nazzjonali (Tabella 9)

- 1) Hemm xi provvediment / prattika fl-Istat Membru tagħkom li jikkonċerna l-ġbir tax-xogħlijiet ċinematografiċi li ma jiffurmawx parti mill-patrimonju awdjoviżiv nazzjonali?

N/A

- 2) U dwar materjal ta' stampi li jiċċaqalqu għajr xogħlijiet ċinematografiċi?

Id-Dipartiment tal-Infommazzjoni (DOI) iżomm ukoll depożitu ta' filmati ta' ġrajjiet nazzjonali (mhux xogħlijiet ċinematografiċi). Id-Dipartiment jikkonserva dokumentazzjoni storika, ta' avvenimenti kruċjali li seħħew tul iż-żmien. Dawn l-arkivji jikkonsistu mhux biss f'dokumenti iżda wkoll fritratti u filmati.

Il-Heritage Malta ukoll għandha depożitu ta' materjal awdjoviżiv fil-mużewijiet tagħha primarjament filmati tal-gwerra, filmati fuq siti storiċi speċjalment fuq tempji bħal Ħaġar Qim u l-Imnajdra, filmati relatati mal-konservazzjoni tal-Wirt Kulturali.

4.3. Il-ġbir ta' materjal li mhux filmat (Tabella 9)

Hemm xi provvediment / prattika fl-Istat Membru tagħkom li jikkonċerna l-ġbir ta' materjal li mhux filmat?

L-Awtorità tax-Xandir għandha depożitu tal-programmi kollha li jidhru fuq stazzjonijiet Maltin li jinkludu programmi bħal xandiriet politiċi.

5. IL-KATALOGALIZZAZZJONI U L-BAŻIJET TAD-DEJTA (TABELLA 3)

- 1) Liema miżuri ttieħdu għall-promozzjoni tal-ikkatalogar u l-indiċjar ta' xogħlijiet ċinematografiċi depożitati u sabiex ihegħgu l-ħolqien ta' bażijiet tad-dejta li fihom tagħrif dwar il-films, li jagħmlu użu ta' standards Ewropej u internazzjonali?

L-Arkivji Nazzjonali jużaw sistema internazzjonali għall-katalogalizzazzjoni skond il-Kunsill Internazzjonali għall-Arkivji (International Standards Council on Archives) biex tiġi assigurata l-interoperabbiltà u d-disponibbiltà tax-xogħlijiet.

- 2) Liema miżuri ħadtu għall-promozzjoni tal-istandardizzazzjoni Ewropea u l-interoperabbiltà ta' bażijiet tad-dejta ta' filmografija u d-disponibbiltà tagħhom għall-pubbliku, pereżempju permezz tal-internet?

L-entitajiet qed jużaw ukoll publikazzjonijiet fuq l-istandards maħruġa mill-proġett MINERVA li kien iffinażjat mill-UE bil-għan li joħloq standards fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni.

- 3) Ikkontribwejtu għat-twaqqif ta' netwerk ta' bażijiet tad-dejta li jgħaqqad il-patrimonju awdjoviżiv Ewropew flimkien mal-organizzazzjonijiet rilevanti, partikolarment il-Kunsill tal-Ewropa (l-Eurimages u l-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew)?

Malta hija membru ta' l-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew.

- 4) Stedintu lill-korpi tal-arkivjar sabiex jivvalorizzaw l-istokkijiet billi jorganizzawhom fil-ġbir fil-livell tal-UE, pereżempju, skont it-tema, l-awtur u l-perjodu?

Qed isir sforz biex l-entitajiet kollha nazzjonali inklużi dawk li jarkivjaw materjal awdjoviżiv jużaw standards Ewropej u Internazzjonali kif imsemmi f'punt 1 u 2 ta' din il-mistoqsija.

Tistgħu tiddeskrivu l-bażijiet tad-dejta li jintużaw mill-Istituzzjonijiet tal-Patrimonju Filmografiku tagħkom? Jinstabu bil-magni tat-tiftix fl-internet?

Bħalissa, il-Heritage Malta qed taħdem sabiex materjal awdjoviżiv jittella' fuq website il-tagħha. Dan ix-xogħol qed isir b'għajnuma finanzjarja min proġetti tal-UE, fosthom, SMARTMUSEUM (FP7) u STERNA (E-content Plus). Heritage Malta applikat ukoll għall-Fondi Strutturali (e-accessibility) sabiex id-dejta diġitali u awdjoviżiva tkun aċċessibbli onlajn. Din id-dejta li qed tinġabar (u anki dik li diġà miġbura) ħa tkun aċċessibbli b'mod standard fuq l-istess speċifikazzjonijiet illi l-MINERVA jipproponi.

6. PRESERVAZZJONI (TABELLA 4)

- 1) X'miżuri / programmi ttieħdu sabiex jiżguraw il-preservazzjoni tax-xogħlijiet ċinematografiċi depożitati? Il-miżuri ta' preservazzjoni għandhom jinkludu partikolarment:

- Ir-riproduzzjoni ta' films fuq mezzi ġodda ta' ħżin;
- Il-preservazzjoni ta' tagħmir għall-wiri ta' xogħlijiet ċinematografiċi fuq mezzi differenti tal-ħżin minn żminijiet oħra.

L-Arkivji Nazzjonali, id-Dipartiment tal-Informazzjoni, l-Awtorità tax-Xandir u l-Heritage Malta huma responsabbli li jippreservaw xogħlijiet awdjoviżivi li jinsabu fid-depożiti tagħhom. Dawn l-entitajiet qed jikkollaboraw sabiex jintużaw r-riżorsi tagħhom speċjalment fir-rigward ta' makkinarju speċjalizzat biex issir id-diġitizzazzjoni ta' xogħlijiet arkivjati.

- 2) Il-liġi nazzjonali dwar id-dritt tal-kopja timplimenta l-eċċezzjoni tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni² Din l-eċċezzjoni tħalli lill-Istati Membri jawtorizzaw atti tar-riproduzzjoni magħmula minn libreriji jew arkivji aċċessibbli għall-pubbliku li mhumiex għall-vantaġġ ekonomiku kummerċjali dirett jew indirett.

Kif indikat f'Tabella numru 4.

7. RESTAWR (TABELLA 4)

- 1) Liema miżuri ġew adottati sabiex jippermettu, fil-liġijiet tagħkom, ir-riproduzzjoni ta' xogħlijiet ċinematografiċi depożitati għall-iskop ta' restawr filwaqt li jippermettu li d-detenturi tad-drittijiet jibbenefikaw mill-potenzjal industrijali mtejjeb tax-xogħlijiet tagħhom li jirriżulta minn dak ir-restawr abbażi ta' ftehim bejn il-partijiet interessati kollha?

² GÜ L 167, 22.6.2001, p. 10.

- 2) Kif ħeġġiġtu proġetti għar-restawr ta' xogħlijiet ċinematografiċi b'valur kulturali jew storiku għoli?

Huwa ppjanat li fl-2010 l-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażaġħ u Sport jaħdem fuq proġett li jiffokka fuq restawr u diġitizzazzjoni ta' materjal awdjoviżiv (mhux biss xogħlijiet ċinematografiċi) li jinsabu fid-depożiti tal-entitajiet differenti li għalkemm ma jiffukawx esklużivament fuq materjal awdjoviżiv għandhom materjal ta' valur kulturali jew storiku għoli fid-depożiti tagħhom.

8. AĊĊESSIBILITÀ (TABELLA 5)

- 1) Adottajtu miżuri leġiżlattivi jew amministrattivi li jippermettu lill-korpi nominati jagħmlu xogħlijiet ċinematografiċi depożitati aċċessibbli għall-użu edukattiv, kulturali, ta' riċerka, jew użu ieħor li hu ta' natura simili iżda mhux kummerċjali, fil-każijiet kollha b'mod konformi mad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati? Jekk jogħġbok aġti d-dettalji tal-miżuri li ttieħdu.

L-Att Dwar il-Patrimonju Kulturali (Kap. 445) kif ukoll l-Att dwar il-Kummissjoni Ċinematografika ta' Malta (Kap. 478) jenfassizzaw l-importanza li jiġu żviluppati opportunitajiet għall-aċċess ta' l-istorja ċinematografika u l-patrimonju ċinematografiku u l-użu ta' l-istorja ċinematografika biex tissaħħaħ l-identità, il-kultura u l-kreattività.

- 2) Ħadtu miżuri biex tiżguraw li l-persuni b'diżabbiltà jkollhom aċċess għax-xogħlijiet ċinematografiċi depożitati, f'konformità mad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati? Jekk jogħġbok aġti d-dettalji tal-miżuri li ttieħdu.

Xogħlijiet ċinematografiċi huma aċċessibbli għall-użu edukattiv, kulturali u ta' riċerka permezz tal-libreriji fl-Università ta' Malta u fiċ-Ċentri Kulturali.

Skond l-Att Dwar Opportunitajiet Indaqs (Kap. 413) dawn iċ-ċentri għandhom ikunu aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà.

9. TAĦRIĠ PROFESSIONALI (TABELLA 5)

X'passi ttieħdu sabiex issir promozzjoni tat-taħriġ professjonali fl-oqsma kollha relatati mal-patrimonju filmografiku?

Fl-Università ta' Malta, iċ-Ċentru għat-Teknoloġija tal-Komunikazzjoni jipprovdi taħriġ f'dan il-qasam. Fl-istudji dwar il-libreriji isir kors dwar l-immaniġġjar ta' arkivji awdjoviżivi u diġitali. Dan il-kors jiffokka speċifikament fuq id-diġitizzazzjoni ta' materjal awdjoviżiv. Fid-Dipartiment tal-Komunikazzjoni isir ukoll kors dwar l-istorja taċ-ċinema.

10. EDUKAZZJONI U LITTERIŻMU TAL-MIDJA (TABELLA 6)

- 1) Liema passi ttieħdu għall-promozzjoni tal-użu tal-patrimonju ċinematografiku bħala mod ta' tisħiħ tad-dimensjoni Ewropea fl-edukazzjoni u fil-promozzjoni tad-diversità kulturali?
- 2) Liema passi ttieħdu għat-trawwim u l-promozzjoni tal-edukazzjoni viżwali, l-istudji filmografiċi u l-litteriżmu tal-midja fl-edukazzjoni fil-livelli kollha, partikolarment fil-programmi ta' taħriġ professjonali jew il-programmi Ewropej?
- 3) Liema passi ttieħdu għall-promozzjoni ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn produtturi, distributuri u xandara u istituti ċinematografiċi għal skopijiet edukattivi?

Permezz ta' Fondi Strutturali tal-UE qed isir investiment fl-MCAST (Malta College Arts, Science and Technology) biex jissħħaħ id-dipartiment għall-istudji fil-midja. Dan huwa investiment ta' 1.6 miljun Ewro.

Fir-rigward tal-edukazzjoni u l- litteriżmu tal-midja dan isir fl-iskejjel primarji u sekondarji. Id-Dipartiment tal-Edukazzjoni għandu ukoll uffiċċjal responsabbli mill-edukazzjoni tal-midja fl-iskejjel.

Id-Direttiva għas-Servizzi Awdjoviżivi u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-litteriżmu tal-midja fl-era diġitali ukoll qed jagħtu spinta f'dan il-qasam billi qed jiġu diskussa il-possibiltà ta' inizjattivi ġodda fuq bażi nazzjonali.

11. AĠĠORNAMENT TAL-PRIJORITAJIET IDENTIFIKATI FL-EWWEL RAPPORT TA' IMPLIMENTAZZJONI

X'kien sar fl-Istat Membru tagħkom, sabiex tindirizzaw il-prioritajiet li ġejjin, identifikati f'Punt 24 tal-ewwel rapport ta' implimentazzjoni:

- 1) l-istabbilment ta' strateġija għal żmien twil għall-patrimonju filmografiku nazzjonali tagħhom jew il-pjanijiet annwali għal kwistjonijiet speċifiċi (id-diġitizzazzjoni, ir-restawr, l-edukazzjoni, eċċ.);
- 2) monitoraġġ tal-konformità mal-forom mandatorji tad-depożitu (kemm bl-obbligu tad-depożitu u l-kwalità teknika tal-materjal);
- 3) il-promozzjoni tad-depożitu volontarju bħala kumpliment għad-depożitu legali. L-Istati Membri għandhom jħeġġu b'kull mezz il-ftehmiet bejn l-istituzzjonijiet ta' patrimonju filmografiku u l-assoċjazzjonijiet li jieħdu ħsieb id-drittijiet li jkopru l-użi possibbli kulturali tal-materjal depożitat mill-arkivju;
- 4) sforzi kontinwi sabiex tintlaħaq l-interoperabbiltà tal-bażi tad-dejta, u sabiex daww il-bażijiet tad-dejta jsiru aċċesibbli fuq l-internet;
- 5) l-istabbilment ta' sħubijiet mas-settur kummerċjali u ma' arkivji oħra tal-films għar-restawr tax-xogħlijiet ċinematografiċi, bl-għan li jitqassam l-għarfien u jiżdiedu r-riżorsi disponibbli;
- 6) it-tiftix ta' ftehmiet mad-detenturi tad-drittijiet bil-ħsieb ta' promozzjoni tal-aċċess kulturali għall-patrimonju filmografiku kemm jista' jkun wiesa'. Ħeġġiġtu lill-korpi nominati sabiex jispeċifikaw, bi ftehim jew b'kuntratt mad-detenturi tad-drittijiet, il-kondizzjonijiet li taħthom xogħlijiet ċinematografiċi depożitati jistgħu jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku?
- 7) il-ħolqien ta' korsijiet speċjalizzati fl-ivell universitarju għall-oqsma kollha relatati mal-arkivji tal-films;
- 8) tingħata prijorità ogħla u aktar viżibbiltà lill-programmi u attivitajiet edukattivi.

Il-Politika Nazzjonali għall-Kultura, li se toħroġ għall-konsultazzjoni fil-ġimgħat li ġejjin, fost affarijiet oħra, tiffoka ukoll fuq il-patrimonju nazzjonali anki dak awdjoviżiv u b'hekk wara dan il-proċess ta' konsultazzjoni tkun tista' tiġi stabbiltà strateġija għal żmien twil għall-patrimonju filmografiku nazzjonali.

Qed ikompli l-investiment mill-Gvern biex l-entitajiet konċernati jkomplu bil-ħidma tagħhom f'dan il-qasam. L-Arkivji Nazzjonali, id-Dipartiment tal-Infommazzjoni, l-Awtorità tax-Xandir u l-Heritage

Malta huma responsabbli li jippreservaw xogħlijiet awdjoviżivi li jinsabu fid-depożiti tagħhom. Dawn l-entitajiet qed jikkollaboraw sabiex jinqasmu r-riżorsi speċjalment fir-rigward ta' makkinarju speċjalizzat biex issir id-diġitizzazzjoni u tintlaħaq ukoll l-interoperabbiltà tal-bażi tad-dejta, u sabiex daww il-bażijiet tad-dejta jsiru aċċessibbli fuq l-internet. Hu mistenni li l-Arkivji Nazzjonali jniedu websajt ġdida li permezz tagħha se jkun hemm aċċess għal materjal arkivjat.

12. L-ISFIDI TAL-ERA DIĠITALI GĦALL-ISTITUZZJONIJIET TAL-PATRIMONJU FILMOGRAFIKU

X'sar jew qiegħed ippjanat li jsir sabiex jiġu affaċċati l-isfidi tal-era diġitali, spjegati fil-Punt 25 tal-ewwel rapport ta' implimentazzjoni:

- 1) ġbir / akkwist tal-materjal diġitali (imqassam fiċ-ċinemas jew mezzi oħra ġodda);
- 2) ħżin / konservazzjoni tal-materjal diġitali, li jkun jista' jeħtieġ migrazzjoni għall-formati jew appoġġi għall-formati ġodda;
- 3) l-applikazzjoni tat-teknoloġiji diġitali għar-restawr;
- 4) jingħata aċċess bl-internet għall-ġbir, filwaqt li jkun żgurat ir-rispett lejn il-liġijiet tad-drittijiet tal-awtur;
- 5) l-integrazzjoni fil-librerija diġitali Ewropea³.

L-Arkivji Nazzjonali niedu websajt ġdida li permezz tagħha se jkun hemm aċċess għal materjal arkivjat. B'hekk ukoll tkun tista' issir integrazzjoni fil-librerija diġitali Ewropea.

Heritage Malta tellgħat websajt ġdida biex ikun hemm dejta awdjoviżiva onlajn dan se jkun jista' jsir permezz tal-proġett HeritageSTOR.

13. IL-POLITIKA FILMOGRAFIKA U L-PATRIMONJU FILMOGRAFIKU

Il-patrimonju filmografiku qiegħed inkluż bis-sħiħ fil-politika filmografika tal-Istat Membru tagħkom? Ikkunsidrajtu li tlaqqgħu l-fondi għall-produzzjoni tal-films mal-patrimonju filmografiku? Pereżempju, jista' jiġi kkunsidrat li l-films li ġew iffinanzjati mill-fondi pubbliċi huma depożitati u mqiegħda għad-dispożizzjoni għal skopijiet kulturali u edukattivi minn istituzzjonijiet magħrufa tal-patrimonju filmografiku. Din tista' tkun implimentata fil-prattika, pereżempju billi l-produtturi li rċevew il-fondi jintalbu jaqblu li:

- l-istituzzjonijiet tal-patrimonju filmografiku jagħmlu wirjiet kulturali ta' daww il-films mingħajr ma titħallas miżata;
- hemm użu edukattiv tal-films tagħhom (wirjiet li jsiru fl-iskejjel, estratti li qeġħdin għad-dispożizzjoni tal-iskopijiet edukattivi);
- estratti tal-films tagħhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Ewropeana.

Kif imsemmi fit-tweġiba numru 12, il-Politika Nazzjonali għall-Kultura tinkludi ukoll il-patrimonju filmografiku u tiffoka fuq l-importanza li l-entitajiet konċernati jaħdmu flimkien.

Fir-rigward ta' fondi għall-produzzjoni ta' films, f'Malta l-introduzzjoni ta' fondi speċifiċi għall-produzzjoni huma reċenti ħafna bl-ewwel fond awdjoviżiv jiġi mniedi f'Awissu 2008. Il-linji gwida għal dan il-fond kif ukoll il-kuntratti li saru mal-kumpaniji li bbenefikaw minn dan il-fond jinkludu klawwsola li x-xogħlijiet li jingħataw l-għajnuna mill-fond awdjoviżiv ikunu jistgħu jintwerew waqt wirjiet

³ www.europeana.eu

kulturali mingħajr ma titħallas miżata, dejjem jekk dawn il-wirjiet ma jikkompromettux l-interessi kummerċjali. Kull min jibbenefika mill-fond irid jaġġi kopja tax-xogħol lill-amministraturi tal-fond biex dan jiġi arkivjat.

14. L-ATTIVITAJIET EWROPEJ U INTERNAZZJONALI (TABELLA 6)

- 1) L-istituzzjonijiet tal-patrimonju filmografiku tagħkom qegħdin involuti f'kooperazzjoni bilaterali mal-Istituzzjonijiet tal-Patrimonju Filmografiku ta' Stati Membri oħrajn? Qegħdin attivi f'assoċjazzjonijiet u proġetti Ewropej? Qegħdin attivi flivell internazzjonali?
- 2) Kif qegħdin thegħgu u tappoġġaw lill-korpi nominati għal skopijiet ta' skambju ta' tagħrif u tal-koordinazzjoni tal-attivitajiet tagħhom fil-livelli nazzjonali u Ewropej sabiex pereżempju:
 - (a) tiġi żgurata l-koerenza fil-metodi ta' ġbir u konservazzjoni u l-interoperabbiltà ta' bażijiet tad-dejta
 - (b) jiġi rrilaxxat, pereżempju fuq DVDs, materjal mill-arkivji b'sottotitoli f'kemm lingwi tal-Unjoni Ewropea huwa possibbli, fil-każijiet kollha f'konformità mad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati
 - (c) tiġi kkompilata filmografija Ewropea
 - (d) jiġi żviluppat standard komuni għall-iskambju elettroniku ta' tagħrif
 - (e) jiġu prodotti proġetti ta' riċerka u edukattivi komuni, filwaqt li jrawmul-iżvilupp ta' networks Ewropej ta' skejjel u mużewijiet taċ-ċinema?

Kif diġà msemmi l-korpi nominati qe jaħdmu flimkien biex jassigura l-koordinazzjoni ta' l-attivitajiet tagħhom. B'mod partikolari, l-Arkivji Nazzjonali qed joffru għajjnuna lill-entitajiet oħra biex tiġi żgurata l-koerenza fil-metodi ta' ġbir u konservazzjoni u l-interoperabbiltà ta' bażijiet tad-dejta u billi jintużaw standards internazzjonali.

15. IL-PROGRESS RELATAT MAL-PROBLEMI LI LTQAJTU MAGĦHOM FL-EWWEL RAPPORT TA' IMPLIMENTAZZJONI (TABELLA 7)

X'sar sabiex jiġu indirizzati l-problemi li ltqajtu magħhom jew in-nuqqasijiet identifikati fit-Tabella 7 tal-Ewwel Rapport ta' Implimentazzjoni, relatati ma' pajjiżkom?

- *Politika Nazzjonali għall-Kultura li tinkludi is-settur awdjoviżiv u l-patrimonju.*
- *Investiment fil-korpi nominati biex dawn ikollhom riżorsi finanzjarji u tekniċi.*
- *Invesitment fis-settur awdjoviżiv permezz ta' fond ġdid għall-iżvilupp u l-produzzjoni ta' xogħlijiet Maltin (www.maltafilmfund.gov.mt).*

16. L-AĦJAR PRATTIĊI

Hemm xi prattika tajba speċifika fil-qasam tal-patrimonju filmografiku fl-Istat Membru tagħkom li tixtieq tirrapporta?

Din is-sena sar proġett mid-Dipartiment tal-Infommazzjoni fejn filmati storiċi ta' avvenimenti importanti f'Malta li kienu fuq 16mm ġew mnaddfa u trasferiti f'format diġitali u miġbura fuq DVD

edukattiv biex b'hekk dan il-materjal ta' valur ikun aċċessibli għall-pubbliku. Dan il-proġett intlaqa' tajjeb ħafna mill-pubbliku. L-għażla ta' filmati nġabret u nqalbet fuq DVD fl-okkażjoni tan-Notte Bianca 2009, attività li tattira eluf ta' persuni kull sena. Dawn il-filmati intwerew għall-pubbliku għall-ewwel darba fl-Aula Magna tal-Univeristà l-Antika fil-Belt is-Sibt 3 ta' Ottubru.

Dan il-proġett sar sabiex il-pubbliku jkollu aċċess għal dan il-materjal storiku li jinsab fid-depożitu tad-Dipartiment tal-Infommazzjoni. Din kienet waħda mill-iktar attivitajiet popolari waqt in-Notte Bianca.

17. HEMM BŻONN AKTAR AZZJONI TAL-UE?

Hemm il-bżonn ta' azzjoni ulterjuri tal-UE fi kwalukwe qasam relatat mal-patrimonju filmografiku?

Permezz tal-Programmi Ewropej, l-UE tista' tkompli tgħin biex l-Istati Membri jikkoperaw fir-restawr u fil-konservazzjoni tal-patrimonju ċinematografiku anke sabiex jiġu skambjati prattiċi tajba f'dan il-qasam u sabiex isiru proġetti innovattivi u tkompli r-riċerka fl-iżvilupp teknoloġiku fil-qasam tal-konservazzjoni u tar-restawr ta' xogħlijiet ċinematografiċi u awdjoviżivi.